**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU TLIETA U GĦOXRIN**

**27 ta' FRAR, 2012**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.35 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**23.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

23.1.1 Fir-rigward ta' punt 22.1.1 iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li x-xogħol ma sarx għax ma kienx hemm qbil mill-membri tal-Kumitat.

Il-membru Joseph Caruana qal li l-ewwel paragrafu ta' punt 22.1.1 għandu jinqara hekk: *Fir-rigward ta' punt 21.5.1 il-membru Joseph Caruana qal li hu ma jaqbilx li jsir patching fit-triq imsemmija għax din tinsab bla wiċċ u minħabba l-fatt li l-ħofra li hemm qed isservi biex l-ilma tax-xita jibqa' fiha u ma jidħolx fil-basement tar-resident konċernat.*

Kien hemm qbil fuq dan.

23.1.2 Fir-rigward ta' punt 22.1.2 iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġibed l-attenzjoni li t-tender ħarġet u fi żmien qasir it-TM ser tagħmel is-sinjali meħtieġa.

23.1.3 Fir-rigward ta' punt 22.4.3 il-membru Joseph Caruana qal li x-xogħol sar.

23.1.4 Il-minuti tas-seduta numru 22 ġew approvati.

***23.2 Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

23.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li fir-rigward tal-bankina li saret fi Triq Santa Fawstina k/m Triq Isward Xureb, kellu ilmenti li ix-xufiera tat-trasport tal-iskola qed isibuha diffiċli biex iduru.

Kien hemm qbil li jiġu kkuntatjati sabiex jgħaddu minn Triq San Ċiru għaliex il-bankina saret skont il-linji tal-bini.

23.2.2 Iċ-Chairperson ġibed l-attenzjoni li biex jinqala l-arblu li hemm fi Triq Dun Nard Mallia l-Kumitat Amministrattiv irid iħallas €535.23.

Kien hemm qbil li biex isir ix-xogħol ta' tarmak fit-triq il-Kumitat iħallas dak meħtieġ u l-arblu li jinqala jitwaħħal fejn jeħtieġlu l-istess Kumitat.

23.2.3 Iċ-Chairperson ġibed l-attenzjoni fuq l-ilment li ressaq lill-pulizija fir-rigward tat-tapit li kien qed iservi biex jinġabar l-ilma tax-xita u jidħol ġo ġibja ta' resident fi Triq Bubaqra. Minħabba li l-pulizija ser tieħu passi bil-qorti kontra r-resident, l-istess resident qed jitlob li l-Kumitat Amministrattiv jaħfer il-każ u r-resident wiegħed li ma jerġax jagħmel ostaklu fit-triq.

Kien hemm qbil li r-resident ikkonċernat jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub li mhux ser jagħmel iżjed ostakli u din tiġi ffirmata minnu u miċ-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv. Wara dan kollu jiġi nfurmat l-ispettur tal-pulizija biex ma jipproċedix bil-qorti.

23.2.4 Iċ-Chairperson qal li residenta minn Triq E Grech talbet li jitwaħħal 'dog bin' fit-triq u lesta li tieħu ħsiebu hi.

Kien hemm qbil li jiġi ordnat u jitwaħħal fit-triq imsemmija.

23.2.5 Iċ-Chairperson qal li ser ikellem lill-membri tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina fuq l-organizazzjoni tat-Tieġ Malti u għal seduta oħra jiġi mistieden membru biex iżomm lill-Kumitat infurmat fuq l-attivita'.

Kien hemm qbil fuq dan.

23.2.6 Iċ-Chairperson qal li hemm bżonn toħroġ ordni għal xogħol ta' patching f'dawn it-toroq – Triq G M Callus, Triq it-Torri,

Triq Fra Gan Mari Zammit u Triq Ħal Far.

Kien hemm qbil fuq dan.

***23.3 Leħen Bubaqra***

23.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia stieden lill-membri biex jiktbu l-kitba tagħhom għal-Leħen Bubaqra li ser joħroġ qabel l-Għid il-Kbir.

Iċ-Chairperson qal li lest li jiġbor avviżi biex jiġu mtaffa l-ispejjeż tal-fuljett.

Kien hemm qbil li avviż ta' ftit anqas minn nofs paġna jiswa €20 u dak ta' kwart ta' paġna jiswa €15.

***23.4 Tenders li ttieħdu dan l-aħħar***

23.4.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li fl-aħħar seduta tal-Kunsill ġew aġġudikati ċertu tenders li jolqtu ukoll lill-Kumitat Amministrattiv. Hu ressaq ix-*schedule* tat-tenders hekk kif mitfuha u miftuħa, għall-attenzjoni tal-membri preżenti.

Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tgħaddi l-lista tat-toroq li qed jinkinsu f'Bubaqra, b'email lill-membri kollha.

Il-membru Joseph Caruana ġibed l-attenzjoni li l-ħaxix li jinqata hemm bżonn li jinġabar mill-ewwel.

***23.5 Kif ser jibda jitħaddem ir-rapport tal-ilmenti***

23.5.1 Iċ-Chairperson qal li hemm bżonn li kull xahar titressaq il-lista tal-ilmenti pendenti, fis-seduta, tiġi diskussa u dawk li jkunu għamlu l-ilment jiġu magħrrfa b'dak li jkun ġara. Hu żied jgħid li hemm bżonn li l-iskrivani li jieħdu l-ilmenti jitolbu d-dettalji ta' dak li jkun għamel l-ilment biex wara jiġi notifikat.

Kien hemm qbil fuq dan.

***23.6 Programm għall-Għid***

23.6.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppropona li l-Kumitat Amministrattiv jipprepara għall-attivita' żgħira fl-Għid.

Il-Viċi Chairperson Maria Schembri ssuġġeriet li l-Kumitat Amministrattiv jġib avviż fil-fuljett fejn iħeġġeġ lir-residenti jagħmlu figolla u f'Ħadd il-Għid dawn jinbiegħu fis-sala tal-Kappella ta' Bubaqra u l-flus tagħhom imorru għall-Puttinu Cares. Kien hemm qbil li kull min jieħu sehem jingħata

ċertifikat tal-parteċipazzjoni u tal-għajnuna lil Puttinu Cares.

Għandhom jiġu nfurmati Puttinu Cares biex jieħdu tali flus direttament huma u l-Kumitat Amministrattiv ma jkollu x'jaqsam xejn mal-flus.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

***23.7 Ilmenti***

23.7.1 Il-membru Joseph D'Amato qal li twaħħlu żewġ tabelli tal-*one way* fi Triq Marria Farrug u waħda minnhom twaħħlet maz-zuntier tal-Kappella u qed tkerrah. Kien hemm qbil li l-Kumitat jinforma lit-TM.

23.7.2 Il-membru Joseph Caruana qal li hemm bżonn li tintbagħat reminder lit-TM fuq it-talba tal-*yellow line* fi Triq San Martin u fuq fuq bozza fuq arblu maqtugħa fi Triq San Martin.
Kien hemm qbil fuq dan.

23.7.3 Il-membri Joseph D'Amato u Annetto Bugeja ġibdu l-attenzjoni li sid il-palazz ta' Bubaqra jrid li jinqala l-bank li hemm mal-palazz u tabella li turi *roundabout* li tinsab eżatt mal-parapett tal-palazz. Dan kollu biex l-istess palazz issirlu l-manutenzjoni meħtieġa. Talab ukoll biex issir bankina jew bollards minflok il-bank.

Kien hemm qbil fuq dan u li tinġabar kwotazzjoni fuq bollards ornamentali u jitressqu f'seduta tal-Kumitat Amministrattiv.

23.7.4 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri talbet biex jitwaħħal l-isem ta' Triq ir-Rettur Dun Salv Farrugia u tinqala' dik bl-isem Triq ir-Rettur.

Kien hemm qbil fuq dan.

23.7.5 Il-membru Joseph Caruana talab rendikont tal-infieq tas-sena 2011. Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tibgħat ir-rendikont li lestiet b'email.

23.7.6 Il-membru Joseph Caruana qal li fi Triq Saverjo Laferla inżebgħat kaxxa bajda mingħajr il-permess tal-Kumitat Amministrattiv.

Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tinvestiga l-każ.

23.7.7 Il-membru Joseph Caruana staqsa għaliex il-Kumitat qed jagħmel patching cold asfalt fuq it-tarmakk minflok juża hot asfalt.

Iċ-Chairperson qal li jekk irridu nagħmlu patching bil-hot

nistgħu imma jiswa d-doppju tal-cold.

Kien hemm qbil li x-xogħol jibqa' jsir bil-cold ġaladarba l-Kumitat ma jkun qed jikser l-ebda liġi.

23.7.8 Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa biex il-Kumitat Amministrattiv jikteb lit-TM biex jagħti wiċċ lill-parti żgħira tat-Triq Dun Salv Magri għaliex jonqosha parti żgħira.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma li hu qed jinsisti fuqha diġa.

23.7.9 Iċ-Chairperson informa lill-membri li l-kuntrattur li ser jagħmel it-toroq Goswalda Calleja u Dun Nard Mallia tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv li fis-16 ta' April, 2012 lest li jibda, imma dan kollu sar bil-kliem u m'hemm xejn bil-miktub. Kien hemm qbil li jekk ma' jkun hemm xejn bil-kitba l-Kumitat jieħu l-passi neċessarji.

***23.8 Appuntament għas-seduta li jmiss***

23.8.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar l-Erbgħa 14 ta' Marzu, 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

23.8.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-8.10 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Marzu, 2012.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**